ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 328

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

28 ta' Novembru 2012

Werrej


I *Atti leġiżlattivi*

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni Nru 1104/2012/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE biex tinkludi l-materjal riproduttiv tal-foresta tal-kategorija "kwalifikati" u biex taġġorna l-isem tal-awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni** ........ 1

★ **Deċiżjoni Nru 1105/2012/EU tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE billi testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u billi taġġorna l-ismijiet ta' pajjiż terz u tal-awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni** (1) ........ 4

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji** (1) ........ 7

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1107/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ........ 16


*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

Prezz: EUR 3

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DEĊIŻJONIJIET

2012/730/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta fir-rigward tan-negozjar ta' termini ta' referenza ġodda għal wara l-2014** ........ 18

2012/731/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2012/003 DK/Vestas mid-Danimarka)** ........ 19

2012/732/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2012/002 DE/manroland mill-Ġermanja)** ........ 20

2012/733/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tas-26 ta' Novembru 2012 ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għall-impjieg u l-istabbiliment mill-ġdid tal-EURES** *(notifikata bid-dokument numru C(2012) 8548)* [1] ........ 21

MT

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI Nru 1104/2012/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

### tal-21 ta' Novembru 2012

### li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE biex tinkludi l-materjal riproduttiv tal-foresta tal-kategorija "kwalifikati" u biex taġġorna l-isem tal-awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni

Il-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja [2],

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/971/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-ekwivalenza ta' materjal riproduttiv tal-foresti prodott f'pajjiżi terzi [3] tiddetermina l-kondizzjonijiet li taħthom il-materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategoriji "sors identifikat" u "magħżula", prodott f'pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni, għandu jiġi importat fl-Unjoni.

(2) Ir-regoli nazzjonali għaċ-ċertifikazzjoni ta' materjal riproduttiv tal-foresti fl-Istati Uniti, l-Iżvizzera, il-Kanada, il-Kroazja, in-Norveġja, is-Serbja, u t-Turkija jipprevedu spezzjoni uffiċjali fuq il-post li għandha titwettaq matul il-ġbir u l-ipproċessar taż-żrieragħ u l-produzzjoni tan-nebbiet għat-tħawwil.

(3) Skont dawk ir-regoli, is-sistemi għall-approvazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' materjal bażiku u l-produzzjoni susseġwenti tal-materjal riproduttiv minn dak il-materjal bażiku għandhom isegwu l-Iskema tal-OECD għaċ-Ċertifikazzjoni ta' Materjal Riproduttiv tal-Foresti Użat fil-Kummerċ Internazzjonali (l-Iskema tal-OECD taż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti). Barra minn hekk, dawk ir-regoli jeħtieġu li ż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil tal-kategoriji "sors identifikat", "magħżula" u "kwalifikati" jkunu uffiċjalment iċċertifikati u l-pakketti taż-żrieragħ ikunu uffiċjalment magħluqa skont l-Iskema tal-OECD taż-Żrieragħ u l-Pjanti tal-Foresti.

(4) Eżami ta' dawn ir-regoli fir-rigward tal-kategorija "kwalifikati" wera li l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tal-materjal bażiku jissodisfaw ir-rekwiżiti stipulati fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/105/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar il-marketing ta' materjali riproduttivi tal-foresti [4]. Barra minn hekk, bl-eċċezzjoni tal-kondizzjonijiet rigward il-kwalità taż-żerriegħa, il-purità tal-ispeċi u l-kwalità tan-nebbiet għat-tħawwil, ir-regoli ta' dawn il-pajjiżi terzi jeħtieġu l-istess garanziji fir-rigward tal-kondizzjonijiet applikabbli għaż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil tal-kategorija l-ġdida 'kwalifikati' bħal dawk stabbiliti fid-Direttiva 1999/105/KE. Jirriżulta għalhekk li r-regoli relatati maċ-ċertifikazzjoni ta' materjal tal-foresta tal-kategorija "kwalifikati" fl-Istati Uniti, l-Isvizzera, il-Kanada, il-Kroazja, in-Norveġja, is-Serbja, u t-Turkija għandha titqies bħala ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva 1999/105/KE, sakemm il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness II għad-Deċiżjoni 2008/971/KE fir-rigward taż-żerriegħa u n-nebbiet għat-tħawwil, huma sodisfatti.

(5) Fir-rigward ta' materjal tal-kategorija "kwalifikati", dawk il-kundizzjonijiet għandhom jinkludu d-dispożizzjoni ta' tagħrif dwar jekk il-prodotti ġewx ġenetikament modifikati jew le. Tali tagħrif għandu jiffaċilita l-applikazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament [5], jew, fejn applikabbli, fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament [6] u r-Regolament (KE) Nru 1830/2003

---

[1] 1. ĠU C 351, 15.11.2012, p. 91.

[2] 2. Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-23 ta' Ottubru 2012 (għadha mhiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tal-13 ta' Novembru 2012.

[3] ĠU L 345, 23.12.2008, p. 83.

[4] ĠU L 11, 15.1.2000, p. 17.

[5] ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1.

[6] ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċjabilità u l-ittikkettjar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċjabilità ta' prodotti tal-ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament ([1]).

(6) Barra minn hekk, l-ismijiet ta' xi awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni, kif elenkat fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2008/971/KE, inbidlu.

(7) Id-Deċiżjoni 2008/971/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2008/971/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 1, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Din id-Deċiżjoni tiddetermina l-kundizzjonijiet li taħthom il-materjal riproduttiv tal-foresti tal-kategoriji 'sors identifikat', 'magħżula' u 'kwalifikati' prodotti f'pajjiż terz elenkati fl-Anness I għandhom jiġi importati lejn l-Unjoni.";

(2) fl-Artikolu 3, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Iż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil tal-kategoriji 'sors identifikat' u 'magħżula' u 'kwalifikati' tal-ispeċi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 1999/105/KE, prodotti fil-pajjiżi terzi elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni u ċċertifikati uffiċjalment mill-awtoritajiet tal-pajjiż terz elenkati f'dak l-Anness, għandhom jitqiesu li huma ekwivalenti għaż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil li jikkonformaw mad-Direttiva 1999/105/KE, sakemm jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-AnnessII ta' din id-Deċiżjoni.";

(3) fl-Artikolu 4, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Meta ż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil jidħlu fl-Unjoni, il-fornitur li jimporta dan il-materjal għandu jgħarraf lill-korp uffiċjali ta' dak l-Istat Membru qabel l-importazzjoni. Il-korp uffiċjali għandu joħroġ Ċertifikat Ewlieni bbażat fuq iċ-Ċertifikat ta' Provenjenza tal-OECD uffiċjal iqabel ma l-materjal jitqiegħed fis-suq.";

(4) L-Annessi I u II huma emendati skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2013.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, il-21 ta' Novembru 2012.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | A. D. MAVROYIANNIS |

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24.

*ANNESS*

L-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 2008/971/KE huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness I jinbidel b'dan li ġej:

*"ANNESS I*

**Pajjiżi u awtoritajiet**

| Pajjiż (*) | L-awtorità responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni |
|---|---|
| CA | National Forest Genetic Resources Centre/Centre national des ressources génétiques forestières<br>Natural Resources Kanada/Ressources naturelles Kanada<br>Canadian Forest Service-Atlantic/Service canadien des forêts -Atlantique<br>P.O. Box 4000,<br>FREDERICTON, NB E3B 5P7 |
| CH | Federal Office for the Environment (FOEN)<br>Department of the Environment, Transport, Energy and Communications (UVEK)<br>Forest Division<br>Federal Plant Protection Service<br>Zürcherstraße 111<br>CH-8903 BIRMENSDORF |
| HR | Croatian Forest Research Institute – CFI<br>Division of Genetics, Forest Tree Breeding and Seed Science<br>Cvjetno naselje 41<br>10450 Jastrebarsko |
| NO | Norwegian Forest Research Institute<br>Høgskoleveien 12<br>N-1432 AAS<br>Norwegian Forest Seed Station<br>P.O. Box 118<br>N-2301 HAMAR |
| RS | Group for Forest Reproductive Material and Genetic Resources Directorate for Forest<br>Ministry of Agriculture, Forestry and Water Management<br>Ministry of AFW - Directorate for Forest<br>Omladinskih brigada 1<br>Novi Beograd |
| TR | Ministry of Environment and Forestry<br>General Directorate of Forestation and Erosion Control<br>Bestepe 06560<br>Ankara |
| US | USA United States Department of Agriculture, Forest Service<br>Cooperative Forestry<br>National Seed Laboratory<br>5675 Riggins Mill Road<br>Dry Branch, Georgia 31020<br>AWTORITAJIET TA' ĊERTIFIKAZZJONI UFFIĊJALI TAL-ISTAT<br>(Awtorizzati sabiex joħorġu ċertifikati permezz ta' ftehim kooperattiva mas-Servizz Forestali (USDA Forest Service))<br>Washington State Crop Improvement Association, Inc.<br>1610 NE Eastgate Blvd, Suite 610<br>Pullman, Washington 99163 |

(*) CA – Il-Kanada, CH – l-Isvizzera HR – il-Kroazja, NO – in-Norveġja, RS – is-Serbja, TR – It-Turkija, US – L-Istati Uniti."

(2) Fl-Anness II, tiżdied it-taqsima li ġejja:

"C. Kondizzjonijiet addizjonali marbuta mal-kategorija 'kwalifikati' taż-żrieragħ u n-nebbiet għat-tħawwil prodotti fil-pajjiżi terzi

Fir-rigward taż-żrieragħ jew nebbiet għat-tħawwil tal-kategorija 'kwalifikati', it-Tikketta tal-OECD u t-tikketta jew id-dokument tal-fornitur għandha tiddikjara jekk kienx hemm modifika ġenetika jew le fil-produzzjoni tal-materjal bażiku.".

# DEĊIŻJONI Nru 1105/2012/EU TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' Novembru 2012

## li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE billi testendi l-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u billi taġġorna l-ismijiet ta' pajjiż terz u tal-awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġislattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/17/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 dwar l-ekwivalenza tal-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuħ tar-raba' li jipproduċu ż-żerriegħa u dwar l-ekwivalenza taż-żerriegħa prodotta fil-pajjiżi terzi ([3]) tipprevedi li għal perjodu limitat ta' żmien, l-ispezzjonijiet imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuħ tar-raba' għall-produzzjoni taż-żerriegħa ta' ċerti speċijiet għandhom ikunu meqjusa bħala ekwivalenti għall-ispezzjonijiet fuq l-uċuħ tar-raba' mwettqa skont l-atti legali tal-Unjoni, u li ż-żerriegħa ta' ċerti speċijiet prodotti fil-pajjiżi terzi għandha tkun meqjusa bħala ekwivalenti għaż-żerriegħa prodotta skont l-atti legali tal-Unjoni.

(2) Jidher li l-ispezzjonijiet imwettqa fil-pajjiżi terzi fuq l-uċuħ tar-raba'għadhom jagħtu l-istess garanziji bħall-ispezzjonijiet imwettqa mill-Istati Membri. Huma għandhom għalhekk ikomplu jitqiesu bħala ekwivalenti.

(3) Billi d-Deċiżjoni 2003/17/KE tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2012, il-perjodu li għalih hija rikonoxxuta l-ekwivalenza skont dik id-Deċiżjoni għandu jiġi estiż. Jidher mixtieq li dan il-perjodu jiġi estiż b'għaxar snin.

(4) Ir-referenza għall-Jugoslavja fid-Deċiżjoni 2003/17/KE għandha titħassar. Is-Serbja, bħala membru tal-Iskemi tal-OECD għaċ-Ċertifikazzjoni tal-Varjetà taż-Żerriegħa li Timxi fil-Kummerċ Internazzjonali u membru tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Testijiet taż-Żerriegħa fir-rigward tat-teħid ta' kampjun u l-ittestjar taż-żerriegħa, għandha tiġi miżjuda fil-lista ta' pajjiżi terzi fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2003/17/KE. Barra minn hekk, l-ismijiet ta' xi awtoritajiet responsabbli għall-approvazzjoni u l-kontroll tal-produzzjoni, kif elenkati fl-Anness I tad-Deċiżjoni 2003/17/KE, inbidlu.

(5) Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2003/17/KE li jirreferu għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([4]) għandhom jiġu mħassra, peress illi fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni, l-applikazzjoni tagħhom tkun inkompatibbli mas-sistema ta' setgħat delegati u dawk ta' implimentazzjoni introdotti rispettivament mill-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat

(6) Id-Deċiżjoni 2003/17/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2003/17/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Artikolu 4 huwa mħassar.

(2) Artikolu 5 huwa mħassar.

(3) Fl-Artikolu 6 id-data "31 ta' Diċembru 2012" hija sostitwita bid-data "31 ta' Diċembru 2022".

(4) l-Anness I huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2013.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, il-21 ta' Novembru 2012.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | A. D. MAVROYIANNIS |

([1]) ĠU C 351, 15.11.2012, p. 92.

([2]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2012 (għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2012.

([3]) ĠU L 8, 14.1.2003, p. 10.

([4]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

*ANNESS*

*"ANNESS I*

**IL-PAJJIŻI, L-AWTORITAJIET U L-ISPEĊIJIET**

| Pajjiż (*) | Awtorità | Speċijiet imsemmija fid-Direttivi li ġejjin |
|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 |
| AR | Instituto Nacional de Semillas (INASE)<br>Av. Paseo Colón 922, 3 Piso<br>1063 BUENOS AIRES | 66/401/KEE<br>66/402/KEE<br>2002/57/KE |
| AU | Australian Seeds Authority LTD.<br>P.O. BOX 187<br>LINDFIELD, NSW 2070 | 66/401/KEE<br>66/402/KEE<br>2002/57/KE |
| CA | Canadian Food Inspection Agency, Seed Section, Plant Health & Biosecurity Directorate<br>59 Camelot Drive, Room 250, OTTAWA, ON K1 A 0Y9 | 66/401/KEE<br>66/402/KEE<br>2002/57/KE |
| CL | Ministerio de Agricultura<br>Servicio Agricola y Ganadero, División de Semillas<br>Casilla 1167, Paseo Bulnes 140 - SANTIAGO DE CHILE | 2002/54/KE<br>66/401/KEE<br>66/402/KEE<br>2002/57/KE |
| HR | State Institute for Seed and Seedlings,<br>Vinkovacka Cesta 63<br>31000 OSIJEK | 2002/54/KE<br>66/401/KEE<br>66/402/KEE<br>2002/57/KE |
| IL | Ministry of Agriculture & Rural Development<br>Plant Protection and Inspection Services<br>P.O. BOX 78, BEIT-DAGAN 50250 | 66/401/KEE<br>66/402/KEE<br>2002/57/KE |
| MA | D.P.V.C.T.R.F.<br>Service de Contrôle des Semences et Plants,<br>B.P. 1308 RABAT | 66/401/KEE<br>66/402/KEE<br>2002/57/KE |
| NZ | Ministry for Primary Industries,<br>25 "THE TERRACE"<br>P.O. BOX 2526<br>6140 WELLINGTON | 2002/54/KE<br>66/401/KEE<br>66/402/KEE<br>2002/57/KE |
| RS | Ministry of Agriculture, Forestry and Water Management Plant Protection Directorate<br>Omladinskih brigada 1, 11070 NOVI BEOGRAD<br><br>Il-Ministeru tal-Agrikoltura awtorizza lill-istituzzjonijiet li ġejjin sabiex joħorġu ċ-ċertifikati OECD:<br>National Laboratory for Seed Testing<br>Maksima Gorkog 30 - 21000 NOVI SAD<br><br>Maize Research Institute "ZEMUN POLJE"<br>Slobodana Bajica 1<br>11080 ZEMUN, BEOGRAD | 2002/54/KE<br>66/401/KEE<br>66/402/KEE<br>2002/57/KE |
| TR | Ministry of Agriculture and Rural Affairs,<br>Variety Registration and Seed Certification Centre<br>Gayret mah. Fatih Sultan Mehmet Bulvari No:62<br>P.O.BOX: 30,<br>06172 Yenimahalle/ANKARA | 2002/54/KE<br>66/401/KEE<br>66/402/KEE<br>2002/57/KE |
| US | USDA - Agricultural Marketing Service<br>Seed Regulatory & Testing Branch<br>801 Summit Crossing, Suite C, GASTONIA NC 28054 | 2002/54/KE<br>66/401/KEE<br>66/402/KEE<br>2002/57/KE |

| Pajjiż (*) | Awtorità | Speċijiet imsemmija fid-Direttivi li ġejjin |
|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 |
| UY | Instituto Nacional de Semillas (INASE)<br>Cno. Bertolotti s/n y Ruta 8 km 29<br>91001 PANDO - CANELONES | 66/401/KEE<br>66/402/KEE<br>2002/57/KE |
| ZA | National Department of Agriculture,<br>c/o S.A.N.S.O.R.<br>Lynnwood Ridge, P.O. BOX 72981, 0040 PRETORIA | 66/401/KEE<br>66/402/KEE – fir-rigward biss ta' Zea mays u Sorghum spp.<br>2002/57/KE |

(*) AR – l-Arġentina, AU – l-Awstralja, CA – il-Kanada, CL – iċ-Ċili, HR – il-Kroazja, IL – l-Iżrael, MA – il-Marokk, NZ – New Zealand, RS – is-Serbja, TR – it-Turkija, US – l-Istati Uniti, UY – l-Urugwaj, ZA – l-Afrika t'Isfel".

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1106/2012

**tas-27 ta' Novembru 2012**

**li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar in-nomenklatura ta' pajjiżi u territorji għall-istatistika tal-kummerċ estern tal-Komunità u l-istatistika tal-kummerċ bejn l-Istati Membri [2] stabbilixxa l-verżjoni ta' dik in-nomenklatura li saret valida mill-1 ta' Jannar 2007.

(2) Is-Sudan t'Isfel sar stat indipendenti.

(3) L-Antilli Olandiżi ġew dissoluti.

(4) Saint Barthélemy ma għadux parti mit-territorju doganali tal-Unjoni Ewropea.

(5) Huwa meħtieġ kodiċi biex jiġu koperti t-transazzjonijiet li jinvolvu l-installazzjonijiet fuq l-ibħra (pjattaformi taż-żejt, parks eoliċi, kejbils transoċeaniċi).

(6) Il-kodifikazzjoni alfabetika tal-pajjiżi u t-territorji għandha tirrifletti l-verżjoni kurrenti tal-Istandard ISO alpha 2, safejn hija kompatibbli mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u l-ħtiġijiet statistiċi tal-Unjoni.

(7) Huwa għalhekk xieraq li titfassal verżjoni ġdida tan-nomenklatura li tqis dawn l-iżviluppi u l-bidliet li jaffettwaw ċerti kodiċijiet.

(8) Il-miżuri previsti fir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Istatistika Relatata mal-Kummerċ ta' Merkanzija ma' Pajjiżi Mhux Membri,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-verżjoni tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika dwar il-kummerċ estern tal-Unjoni Ewropea u l-istatistika dwar il-kummerċ bejn l-Istati Membri li għandha tkun valida mill-1 ta' Jannar 2013 hija stabbilita fl-Anness hawn taħt.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru 1833/2006 jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2013.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2012.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

---

[1] ĠU L 152, 16.6.2009, p. 23.
[2] ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19.

*ANNESS*

## IN-NOMENKLATURA TAL-PAJJIŻI U T-TERRITORJI GĦALL-ISTATISTIKA DWAR IL-KUMMERĊ ESTERN TAL-UNJONI U L-ISTATISTIKA DWAR IL-KUMMERĊ BEJN L-ISTATI MEMBRI

*(Verżjoni valida b'effett mill-1 ta' Jannar 2013)*

| Il-kodiċi | It-test | Id-deskrizzjoni |
|---|---|---|
| **AD** | Andorra | |
| **AE** | l-Emirati Għarab Magħquda | Abu Dhabi, Ajman, Dubai, Fujairah, Ras Al Khaimah, Sharjah u Umm Al Qaiwain |
| **AF** | l-Afganistan | |
| **AG** | Antigwa u Barbuda | |
| **AI** | Angwilla | |
| **AL** | l-Albanija | |
| **AM** | l-Armenja | |
| **AO** | l-Angola | Inkluża Cabinda |
| **AQ** | l-Antartika | It-Territorju fin-Nofsinhar tal-latitudni 60° tan-Nofsinhar; mhux inklużi t-Territorji Franċiżi tan-Nofsinhar (TF), il-Gżira ta' Bouvet (BV), il-Ġeorġja tan-Nofsinhar u l-Gżejjer Sandwich tan-Nofsinhar (GS) |
| **AR** | l-Arġentina | |
| **AS** | is-Samoa Amerikana | |
| **AT** | l-Awstrija | |
| **AU** | l-Awstralja | |
| **AW** | Aruba | |
| **AZ** | l-Ażerbajġan | |
| **BA** | il-Bosnja-Ħerzegovina | |
| **BB** | il-Barbados | |
| **BD** | il-Bangladexx | |
| **BE** | il-Belġju | |
| **BF** | Burkina Faso | |
| **BG** | il-Bulgarija | |
| **BH** | il-Baħrejn | |
| **BI** | il-Burundi | |
| **BJ** | il-Benin | |
| **BL** | Saint Barthélemy | |
| **BM** | Bermuda | |
| **BN** | il-Brunej Darussalam | Spiss jissejjaħ bħala l-Brunej |
| **BO** | l-Istat Plurinazzjonali tal-Bolivja | Spiss tissejjaħ bħala l-Bolivja |
| **BQ** | Bonaire Sint Eustatius, u Saba | |
| **BR** | il-Brażil | |
| **BS** | il-Baħamas | |

| Il-kodiċi | It-test | Id-deskrizzjoni |
|---|---|---|
| **BT** | il-Butan | |
| **BV** | il-Gżira ta’ Bouvet | |
| **BW** | il-Botswana | |
| **BY** | il-Belarus | Spiss jissejjaħ bħala l-Belorussja |
| **BZ** | il-Beliże | |
| **CA** | il-Kanada | |
| **CC** | il-gżejjer Cocos (jew il-Gżejjer Keeling) | |
| **CD** | ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo | Magħrufa qabel bħala ż-Żaire |
| **CF** | ir-Repubblika Ċentru-Afrikana | |
| **CG** | il-Kongo | |
| **CH** | l-Isvizzera | Inklużi t-territorju Ġermaniż ta’ Büsingen u l-muniċipalità Taljana ta’ Campione d’Italia |
| **CI** | il-Côte d’Ivoire | Spiss tissejjaħ bħala l-Kosta tal-Ivorju |
| **CK** | il-Gżejjer Cook | |
| **CL** | iċ-Ċilì | |
| **CM** | il-Kamerun | |
| **CN** | iċ-Ċina | |
| **CO** | il-Kolombja | |
| **CR** | il-Kosta Rika | |
| **CU** | Kuba | |
| **CV** | il-Kap Verde | |
| **CW** | Curaçao | |
| **CX** | il-Gżira Christmas | |
| **CY** | Ċipru | |
| **CZ** | ir-Repubblika Ċeka | |
| **DE** | il-Ġermanja | Inkluża l-gżira ta’ Heligoland; eskluż it-territorju ta’ Büsingen |
| **DJ** | Ġibuti | |
| **DK** | id-Danimarka | |
| **DM** | Dominika | |
| **DO** | ir-Repubblika Dominikana | |
| **DZ** | l-Alġerija | |
| **EC** | l-Ekwador | Inklużi l-Gżejjer Galápagos |
| **EE** | l-Estonja | |
| **EG** | l-Eġittu | |
| **EH** | is-Saħara tal-Punent | |
| **ER** | l-Eritrea | |

| Il-kodiċi | It-test | Id-deskrizzjoni |
|---|---|---|
| **ES** | Spanja | Inklużi l-Gżejjer Baleariċi u l-Gżejjer Kanarji; esklużi Ceuta (XC) u Melilla (XL) |
| **ET** | l-Etjopja | |
| **FI** | il-Finlandja | Inklużi l-gżejjer Åland |
| **FJ** | Fiġi | |
| **FK** | il-Gżejjer Falkland | |
| **FM** | l-Istati Federali tal-Mikroneżja | Chuuk, Kosrae, Pohnpei u Yap |
| **FO** | il-Gżejjer Faroe | |
| **FR** | Franza | Inklużi Monako, id-dipartimenti barranin Franċiżi (il-Gujana Franċiża, il-Gwadelup, Martinique u Réunion) u l-parti Franċiża tat-Tramuntana ta' San Martin |
| **GA** | il-Gabon | |
| **GB** | ir-Renju Unit | il-Gran Brittanja, l-Irlanda ta' Fuq, il-gżejjer Channel u Isle of Man |
| **GD** | Grenada | Inklużi l-Grenadini tan-Nofsinhar |
| **GE** | il-Ġeorġja | |
| **GH** | il-Gana | |
| **GI** | Ġibiltà | |
| **GL** | Greenland | |
| **GM** | il-Gambja | |
| **GN** | il-Ginea | |
| **GQ** | il-Ginea Ekwatorjali | |
| **GR** | il-Greċja | |
| **GS** | il-Ġeorġja tan-Nofsinhar u l-Gżejjer Sandwich tan-Nofsinhar | |
| **GT** | il-Gwatemala | |
| **GU** | Gwam | |
| **GW** | il-Ginea Bissaw | |
| **GY** | il-Gujana | |
| **HK** | Ħong Kong | Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Hong Kong tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina |
| **HM** | il-Gżejjer Heard u McDonald | |
| **HN** | il-Ħonduras | Inklużi l-Gżejjer Swan |
| **HR** | il-Kroazja | |
| **HT** | Ħaiti | |
| **HU** | l-Ungerija | |
| **ID** | l-Indoneżja | |
| **IE** | l-Irlanda | |
| **IL** | l-Iżrael | |
| **IN** | l-Indja | |

| Il-kodiċi | It-test | Id-deskrizzjoni |
|---|---|---|
| **IO** | it-Territorju Britanniku tal-Oċean Indjan | l-Arċipelagu Chagos |
| **IQ** | l-Iraq | |
| **IR** | ir-Repubblika Iżlamika tal-Iran | |
| **IS** | l-Islanda | |
| **IT** | l-Italja | Inkluż Livigno; eskluża l-muniċipalità ta' Campione d'Italia |
| **JM** | il-Ġamajka | |
| **JO** | il-Ġordan | |
| **JP** | il-Ġappun | |
| **KE** | il-Kenja | |
| **KG** | ir-Repubblika Kirgiża | |
| **KH** | il-Kambodja | |
| **KI** | Kiribati | |
| **KM** | il-Komoros | Anjouan, Grande Comore u Mohéli |
| **KN** | Saint Kitts u Nevis | |
| **KP** | ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea | Spiss tissejjaħ bħala l-Korea ta' Fuq |
| **KR** | ir-Repubblika Koreana | Spiss tissejjaħ bħala l-Korea t'Isfel |
| **KW** | il-Kuwajt | |
| **KY** | il-Gżejjer Kajman | |
| **KZ** | il-Każakistan | |
| **LA** | Ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Laos | Spiss jissejjaħ bħala l-Laos |
| **LB** | il-Libanu | |
| **LC** | Santa Luċija | |
| **LI** | il-Liechtenstein | |
| **LK** | is-Sri Lanka | |
| **LR** | il-Liberja | |
| **LS** | il-Lesoto | |
| **LT** | il-Litwanja | |
| **LU** | il-Lussemburgu | |
| **LV** | il-Latvja | |
| **LY** | il-Libja | |
| **MA** | il-Marokk | |
| **MD** | ir-Repubblika tal-Moldova | |
| **ME** | il-Montenegro | |
| **MG** | il-Madagaskar | |
| **MH** | il-Gżejjer Marshall | |
| **MK** (1) | Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja | |

| Il-kodiċi | It-test | Id-deskrizzjoni |
|---|---|---|
| **ML** | il-Mali | |
| **MM** | il-Mjanmar | Spiss jissejjaħ bħala l-Burma |
| **MN** | il-Mongolja | |
| **MO** | il-Makaw | Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina |
| **MP** | il-Gżejjer Marjana ta' Fuq | |
| **MR** | il-Mawritanja | |
| **MS** | Montserrat | |
| **MT** | Malta | Inklużi Ghawdex u Kemmuna |
| **MU** | il-Mawrizju | il-Mawrizju, il-gżejjer Rodrigues, il-Gżejjer Agalega u Cargados Carajos Shoals (il-gżejjer St Brandon Islands) |
| **MV** | il-Maldive | |
| **MW** | il-Malawi | |
| **MX** | il-Messiku | |
| **MY** | il-Malasja | il-Malasja Peninsulari u l-Malasja tal-Lvant (Labuan, Sabah u Sarawak) |
| **MZ** | il-Możambik | |
| **NA** | in-Namibja | |
| **NC** | il-Kaledonja Ġdida | Inklużi l-Gżejjer Loyalty (Lifou, Maré u Ouvéa) |
| **NE** | in-Niġer | |
| **NF** | il-Gżira Norfolk | |
| **NG** | in-Niġerja | |
| **NI** | in-Nikaragwa | Inklużi l-Gżejjer Corn |
| **NL** | il-Pajjiżi l-Baxxi | |
| **NO** | in-Norveġja | Inklużi l-Arċipelagu ta' Svalbard u l-Gżira Jan Mayen |
| **NP** | in-Nepal | |
| **NR** | Nawru | |
| **NU** | Nju | |
| **NZ** | in-New Zealand | eskluża d-Dipendenza Ross (l-Antartika) |
| **OM** | l-Oman | |
| **PA** | il-Panama | Inkluża dik li kienet iż-Żona tal-Kanal |
| **PE** | il-Perù | |
| **PF** | il-Polineżja Franċiża | Il-Gżejjer Marquesas, il-gżejjer Society (inkluża Tahiti), il-Gżejjer Tuamotu, il-gżejjer Gambier u l-Gżejjer Austral. |
| **PG** | il-Papwa Ginea Ġdida | il-parti tal-Lvant tal-Ginea l-Ġdida; l-Arċipelagu Bismarck (inklużi l-Brittanja Ġdida, l-Irlanda Ġdida, Lavongai (Hanover Ġdid) u l-gżejjer Admiralty); il-Gżejjer Solomon tat-Tramuntana (Bougainville u Buka); Il-Gżejjer Trobriand, il-Gżira Woodlark; il-Gżejjer d'Entrecasteaux u l-Arċipelagu Louisiade. |

| Il-kodiċi | It-test | Id-deskrizzjoni |
|---|---|---|
| **PH** | il-Filippini | |
| **PK** | il-Pakistan | |
| **PL** | il-Polonja | |
| **PM** | San Pierre u Miquelon | |
| **PN** | Pitcairn | Inklużi l-Gżejjer Ducie, Henderson u Oeno |
| **PS** | it-Territorju Okkupat Palestinjan | Ix-Xatt tal-Punent (inkluża Ġerusalemm tal-Lvant) u l-Istrixxa ta' Gaża |
| **PT** | il-Portugall | Inklużi l-Ażori u Madeira |
| **PW** | il-Palaw | |
| **PY** | il-Paragwaj | |
| **QA** | il-Qatar | |
| **RO** | ir-Rumanija | |
| **RU** | il-Federazzjoni Russa | Spiss tissejjaħ bħala r-Russja |
| **RW** | ir-Rwanda | |
| **SA** | l-Arabja Sawdija | |
| **SB** | il-Gżejjer Solomon | |
| **SC** | is-Seychelles | il-Gżira Mahé, il-Gżira Praslin, La Digue, Frégate u Silhouette; il-Gżejjer Amirante (inklużi Desroches, Alphonse, Platte u Coëtivy); il-Gżejjer Farquhar (inkluża Providence); il-Gżejjer Aldabra u l-Gżejjer Cosmoledo. |
| **SD** | is-Sudan | |
| **SE** | l-Isvezja | |
| **SG** | Singapor | |
| **SH** | Saint Helena, Ascencion u Tristan da Cunha | |
| **SI** | is-Slovenja | |
| **SK** | is-Slovakkja | |
| **SL** | Sjerra Leone | |
| **SM** | San Marino | |
| **SN** | is-Senegal | |
| **SO** | is-Somalja | |
| **SR** | is-Surinam | |
| **SS** | is-Sudan t'Isfel | |
| **ST** | Sao Tome u Principe | |
| **SV** | El Salvador | |
| **SX** | Sint Maarten (il-parti Olandiża) | Il-Gżira ta' San Martin hija maqsuma fil-parti Franċiża tat-Tramuntana u l-parti Olandiża tan-Nofsinhar. |
| **SY** | ir-Repubblika Gharbija Sirjana | Spiss tissejjaħ bħala s-Sirja |
| **SZ** | is-Sważiland | |

| Il-kodiċi | It-test | Id-deskrizzjoni |
|---|---|---|
| **TC** | il-Gżejjer Turks u Kajkos | |
| **TD** | iċ-Ċad | |
| **TF** | it-Territorji Franċiżi tan-Nofsinhar | Inklużi l-Gżejjer Kerguélen, l-Gżira Amsterdam, il-Gżira Saint-Paul, l-Arċipelagu Crozet u l-Gżejjer Franċiżi mferrxa mal-Oċean Indjan magħmula minn Bassas da India, il-Gżira Europa, il-Gżejjer Glorioso, il-Gżira Juan de Nova u l-Gżejjer Tromelin. |
| **TG** | it-Togo | |
| **TH** | it-Tajlandja | |
| **TJ** | it-Taġikistan | |
| **TK** | it-Tokelaw | |
| **TL** | Timor-Leste | |
| **TM** | it-Turkmenistan | |
| **TN** | it-Tuneżija | |
| **TO** | Tonga | |
| **TR** | it-Turkija | |
| **TT** | Trinidad u Tobago | |
| **TV** | Tuvalu | |
| **TW** | it-Tajwan | It-Territorju doganali separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu |
| **TZ** | ir-Repubblika Unita tat-Tanżanija | Pemba, il-Gżira ta' Żanżibar u Tanganyika |
| **UA** | l-Ukraina | |
| **UG** | l-Uganda | |
| **UM** | il-Gżejjer Minuri Mbiegħda tal-Istati Uniti | Inklużi l-Gżira Baker, il-Gżira Howland, il-Gżira Jarvis, Johnston Atoll, Kingman Reef, il-Gżejjer Midway, il-Gżira Navassa, Palymra Atoll u l-Gżira Wake |
| **US** | l-Istati Uniti | Inkluż il-Puerto Riko |
| **UY** | l-Urugwaj | |
| **UZ** | l-Użbekistan | |
| **VA** | is-Santa Sede (il-Belt tal-Vatikan) | |
| **VC** | Saint Vincent u l-Grenadini | |
| **VE** | ir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela | Spiss tissejjaħ il-Venezwela |
| **VG** | il-Gżejjer Verġni Brittaniċi | |
| **VI** | il-Gżejjer Verġni Amerikani. | |
| **VN** | il-Vjetnam | |
| **VU** | il-Vanwatu | |
| **WF** | Wallis u Futuna | Inkluża l-Gżira Alofi |
| **WS** | is-Samoa | Magħrufa qabel bħala s-Samoa tal-Punent |
| **XC** | Ceuta | |

| Il-kodiċi | It-test | Id-deskrizzjoni |
|---|---|---|
| **XK** | il-Kosovo | Kif iddefinit bir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Ġunju 1999. |
| **XL** | Melilla | Inklużi Peñón de Vélez de la Gomera, Peñón de Alhucemas u l-Gżejjer Chafarinas. |
| **XS** | is-Serbja | |
| **YE** | il-Jemen | Dak li kien il-Jemen tat-Tramuntana u l-Jemen tan-Nofsinhar |
| **YT** | il-Majott | Grande-Terre u Pamandzi |
| **ZA** | l-Afrika t'Isfel | |
| **ZM** | iż-Żambja | |
| **ZW** | iż-Żimbabwe | |

**MIXXELLANJI**

| | | |
|---|---|---|
| **EU** | L-Unjoni Ewropea | Kodiċi li fil-kummerċ ma' pajjiżi mhux membri, huwa riservat għad-dikjarazzjoni tal-oriġini tal-oġġetti skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tal-UE. Il-kodiċi ma għandux jintuża għal skopijiet ta' statistika. |
| **QP** | Ibħra internazzjonali | Il-qasam marittimu 'l barra mill-ilmijiet territorjali |
| **QQ** | Mħażen u provvisti | Intestatura fakultattiva |
| **jew** | | |
| **QR** | Mħażen u provvisti fil-qafas tal-kummerċ intra-UE | Intestatura fakultattiva |
| **QS** | Mħażen u provvisti fil-qafas tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi | Intestatura fakultattiva |
| **QU** | Pajjiżi u territorji mhux speċifikati | Intestatura fakultattiva |
| **jew** | | |
| **QV** | Pajjiżi u territorji mhux speċifikati fil-qafas tal-kummerċ intra-UE | Intestatura fakultattiva |
| **QW** | Pajjiżi u territorji mhux speċifikati fil-qafas tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi | Intestatura fakultattiva |
| **QX** | Pajjiżi u territorji mhux speċifikati għal raġunijiet kummerċjali jew militari | Intestatura fakultattiva |
| **jew** | | |
| **QY** | Pajjiżi u territorji mhux speċifikati għal raġunijiet kummerċjali jew militari fil-qafas tal-kummerċ intra-UE | Intestatura fakultattiva |
| **QZ** | Pajjiżi u territorji mhux speċifikati għal raġunijiet kummerċjali jew militari fil-qafas tal-kummerċ ma' pajjiżi terzi | Intestatura fakultattiva |

([1]) Dan il-Kodiċi proviżorju ma jippreġudika, bl-ebda mod, id-denominazzjoni definittiva għal dan il-pajjiż, li se tkun attribwita wara l-konklużjoni tan-negozjati li għaddejjin bħalissa fin-Nazzjonijiet Uniti.

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1107/2012**

**tas-27 ta' Novembru 2012**

**li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 44,1 |
| | MA | 50,0 |
| | MK | 37,4 |
| | TN | 73,5 |
| | TR | 64,0 |
| | ZZ | 53,8 |
| 0707 00 05 | AL | 64,5 |
| | MA | 141,4 |
| | MK | 58,4 |
| | TR | 89,6 |
| | ZZ | 88,5 |
| 0709 93 10 | MA | 88,6 |
| | TR | 100,6 |
| | ZZ | 94,6 |
| 0805 20 10 | MA | 76,3 |
| | ZZ | 76,3 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | CN | 65,5 |
| | HR | 35,6 |
| | TR | 81,7 |
| | ZZ | 60,9 |
| 0805 50 10 | AR | 68,7 |
| | TR | 85,8 |
| | ZA | 49,1 |
| | ZZ | 67,9 |
| 0808 10 80 | MK | 38,5 |
| | NZ | 138,3 |
| | US | 125,4 |
| | ZA | 113,0 |
| | ZZ | 103,8 |
| 0808 30 90 | CN | 59,5 |
| | TR | 116,3 |
| | US | 136,8 |
| | ZZ | 104,2 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tal-20 ta' Novembru 2012

## dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta fir-rigward tan-negozjar ta' termini ta' referenza ġodda għal wara l-2014

(2012/730/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u (4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/312/KE [1], il-Ftehim li jistabilixxi t-Termini ta' Referenza tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta, 2001 ("il-Ftehim") ġie approvat f'isem il-Komunità Ewropea.

(2) It-termini ta' referenza ta' bħalissa jiskadu fit-30 ta' April 2014 u l-kwistjoni tal-ftuħ tan-negozjati għat-tiġdid ta' dawn it-termini ta' referenza se tiġi diskussa fil-15-il sessjoni tal-Kunsill tal-Grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta li se ssir f'Diċembru 2012.

(3) It-tiġdid tal-Ftehim imsemmi hawn fuq mhuwiex fl-interess tal-Unjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni, fil-grupp ta' Studju Internazzjonali dwar il-Ġuta għandha tkun li tivvota kontra li jinfetħu n-negozjati għat-tiġdid tat-Termini ta' Referenza lil hinn mill-2014.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Novembru 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. D. MAVROYIANNIS

---

[1] ĠU L 112, 27.4.2002, p. 34.

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' Novembru 2012

## dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2012/003 DK/Vestas mid-Danimarka)

(2012/731/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina finanzjarja u l-ġestjoni finanzjarja soda ([1]), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali għall-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fl-andament tal-kummerċ dinji minħabba l-globalizzazzjoni u sabiex jgħinhom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG fil-limitu massimu annwali ta' EUR 500 000 000.

(3) Id-Danimarka ressqet applikazzjoni fl-14 ta' Mejju 2012 għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji fl-intrapriża Vestas Group u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali sal-10 ta' Lulju 2012. Din l-applikazzjoni hija konformi mar-rekwiżiti għad-determinazzjoni tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stabbilit fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li timmobilizza l-ammont ta' EUR 7 488 000.

(4) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mid-Danimarka,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu jiġi mmobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 7 488 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenji u ta' pagament.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu, il-21 ta' Novembru 2012.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | A. D. MAVROYIANNIS |

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

# DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tal-21 ta' Novembru 2012

## dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, skont il-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda (applikazzjoni EGF/2012/002 DE/manroland mill-Ġermanja)

(2012/732/UE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda ([1]), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) twaqqaf biex jipprovdi appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja minħabba bidliet strutturali kbar fix-xejriet kummerċjali dinjija b'riżultat tal-globalizzazzjoni u biex dawn jiġu megħjuna fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

(2) Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 jippermetti l-mobilizzazzjoni tal-FEG sal-limitu massimu annwali ta' EUR 500 000 000.

(3) Il-Ġermanja ressqet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji fl-intrapriża manroland AG u tnejn mis-sussidjarji tagħha, kif ukoll fornitur wieħed, fl-4 ta' Mejju 2012 u ssupplimentatha b'informazzjoni addizzjonali sal-10 ta' Lulju 2012. Din l-applikazzjoni hi konformi mar-rekwiżiti biex jiġu determinati l-kontribuzzjonijiet finanzjarji kif stipulat fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1927/2006. Il-Kummissjoni għalhekk, tipproponi li jiġi mmobilizzat l-ammont ta' EUR 5 352 944.

(4) Il-FEG għandu, għalhekk, jiġi mmobilizzat sabiex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni mressqa mill-Ġermanja,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2012, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi s-somma ta' EUR 5 352 944 f'approprjazzjonijiet għall-impenji u għall-ħlasijiet.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Strasburgu, il-21 ta' Novembru 2012.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | A. D. MAVROYIANNIS |

([1]) ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
([2]) ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-26 ta' Novembru 2012

## ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-approvazzjoni ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għall-impjieg u l-istabbiliment mill-ġdid tal-EURES

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 8548)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/733/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 38 tiegħu,

Billi:

(1) Sar ħafna progress minn meta tnieda n-netwerk EURES stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/569/KEE tat-22 ta' Ottubru 1993 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità rigward, b'mod partikolari, in-netwerk Eures (Servizzi Ewropej tax-Xogħol) ([2]), biex jiġi implimentat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 ([3]). In-netwerk ġie riformat u stabbilit mill-ġdid biex jiġi kkonsolidat u msaħħaħ bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/8/KE ([4]).

(2) Il-Kunsill Ewropew tas-17 ta' Ġunju 2010 approva l-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv filwaqt li sejjaħ għall-mobilizzazzjoni shiħa tal-istrumenti u l-politiki xierqa tal-UE biex tkun appoġġata l-kisba tal-għanijiet komuni u stieden lill-Istati Membri biex isaħħu azzjoni koordinata.

(3) Il-Kunsill Ewropew tat-28 u d-29 ta' Ġunju 2012 iddeċieda dwar "Patt għal Tkabbir u Impjiegi", u abbażi tal-Komunikazzjoni "Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi" tat-18 ta' April 2012 mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, indika li l-Portal tal-EURES għandu jkun żviluppat f'għodda Ewropea vera għall-kollokament u r-reklutaġġ.

(4) Il-EURES għandu jippromwovi t-tħaddim aħjar tas-swieq tax-xogħol u li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ekonomiċi billi jheffef il-mobbiltà ġeografika transnazzjonali u transkonfinali tal-ħaddiema, filwaqt li jiżgura mobbiltà b'kundizzjonijiet ġusti u li jiġu rispettati l-istandards applikabbli tax-xogħol. Dan għandu jagħti aktar trasparenza fis-swieq tax-xogħol, jiżgura l-iskambju u l-ipproċessar tal-postijiet tax-xogħol battala u l-applikazzjonijiet għall-impjieg (jiġifieri "approvazzjoni" jew "tqabbil" skont it-tifsira tar-Regolament) u jappoġġa attivitajiet fl-oqsma tar-reklutaġġ, il-pariri u l-gwida fuq livell nazzjonali u transkonfinali, u b'hekk ikun qed jagħti sehmu biex jinkisbu l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020.

(5) Fid-dawl tal-esperjenza li nkisbet sa mill-ewwel tnedija fl-1993 u r-riforma fl-2003, u filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet biex in-netwerk jibqa' jiġi rinforzat u estiż ħalli jappoġġa bis-sħiħ l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020, għandhom jerġgħu jitfasslu mill-ġdid il-kompożizzjoni attwali tan-netwerk, it-tqassim tar-responsabbiltajiet u l-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet, kif ukoll il-katalgu tas-servizzi mogħtija.

(6) Għal dan il-għan il-EURES għandu jingħata orjentazzjoni aktar b'saħħitha dwar tmexxija bl-għanijiet u r-riżultati f'termini ta' tqabbil, kollokament u reklutaġġ. F'dan il-kuntest, il-kollokament jista' jinftiehem bħala għoti ta' servizzi minn intermedjarju bejn il-provvista u d-domanda fis-suq tax-xogħol bil-għan li jsir reklutaġġ, fejn reklutaġġ jirreferi għall-mili ta' postijiet tax-xogħol battala.

(7) It-tneħħija tal-monopolji u żviluppi oħrajn wasslet biex fis-suq tax-xogħol inħolqot firxa wiesgħa ta' fornituri tas-servizzi tax-xogħol. Biex jilħaq il-potenzjal kollu tiegħu, il-EURES jeħtieġlu jinfetaħ għall-parteċipazzjoni ta' dawn l-operaturi, filwaqt li jimpenja ruħu biex jirrispetta bis-sħiħ l-istandards tax-xogħol u r-rekwiżiti legali applikabbli, u standards oħrajn tal-EURES dwar il-kwalità.

(8) Is-servizzi tal-EURES jeħtieġilhom jiġu definiti b'mod ċar biex jiżguraw li l-obbligi li ngħataw l-Istati Membri b'dan ir-Regolament, jiġifieri li jimpenjaw ruħhom bl-approvazzjoni ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għall-impjieg, kif ukoll l-iskambju u l-għoti ta' informazzjoni relatata mas-suq tax-xogħol, jiġu ssodisfati b'mod effiċjenti u effettiv. Din tkun teħtieġ l-involviment ta' bosta atturi, inklużi l-imsieħba soċjali, fejn xieraq.

([1]) ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.
([2]) ĠU L 274, 6.11.1993, p. 32.
([3]) ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2.
([4]) ĠU L 5, 10.1.2003, p. 16.

(9) Fil-"Patt għal Tkabbir u Impjiegi", il-Kunsill Ewropew talab biex tiġi esplorata l-possibbiltà li l-EURES jiġi estiż għall-apprentistat u l-esperjenzi ta' taħriġ. Biex ikunu żgurati sinerġiji u biex il-EURES ikun jista' jappoġġa bis-sħiħ l-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020, b'mod partikolari biex iżid ir-rata tal-impjiegi għal 75 % sal-2020, filwaqt li jirrispetta l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament, il-EURES jeħtieġlu jkun jista' jkopri l-apprentistati u l-esperjenzi ta' taħriġ sakemm il-persuni konċernati jitqiesu ħaddiema skont it-tifsira tar-Regolament u għandhom 18-il sena jew aktar, ġaladarba approvazzjoni ta' informazzjoni bħal din skont l-istandards xierqa titqies fattibbli.

(10) Biex is-servizzi jaslu bl-aktar mod effiċjenti, il-EURES għandu jkun integrat u parti mill-offerta tas-servizz ġenerali tal-organizzazzjonijiet parteċipanti, li jistgħu jirċievu finanzjament għal attivitajiet nazzjonali u transkonfinali mill-Fond Soċjali Ewropew.

(11) Biex jagħti sehmu b'mod effettiv ħalli s-swieq tax-xogħol jiffunzjonaw aħjar lejn l-iżvilupp ta' suq tax-xogħol Ewropew, il-EURES għandu jaqdi rwol aktar prominenti biex jimtlew postijiet tax-xogħol battala ostakolati u biex gruppi partikolari ta' ħaddiema u impjegaturi jingħataw l-għajnuna billi jiġi estiż il-EURES ħalli jappoġġa attivitajiet immirati ta' mobbiltà fuq livell ta' UE, l-aktar biex jitħeġġeġ l-iskambju ta' ħaddiema żgħażagħ.

(12) L-opportunitajiet offruti mill-informazzjoni li toħroġ u l-għodda tat-teknoloġija tal-komunikazzjoni biex ikomplu jtejbu aktar u jirrazzjonalizzaw is-servizzi provduti għandhom jitqiesu kollha kemm huma.

(13) Kull ipproċessar ta' dejta personali li jsir fil-qafas ta' din id-Deċiżjoni għandu jkun skont il-liġi nazzjonali u tal-UE għall-ħarsien ta' dejta personali.

(14) Għal raġunijiet ta' ċarezza, huwa rakkomandat li jiġi stabbilit mill-ġdid in-netwerk EURES filwaqt li jiġu definiti b'mod aktar ċar il-kompożizzjoni, il-kostituzzjoni u l-funzjonijiet tiegħu.

(15) Il-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**In-netwerk EURES**

Biex tissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 il-Kummissjoni għandha flimkien mal-Istati Membri tistabbilixxi u tħaddem netwerk Ewropew tas-servizzi tax-xogħol, imsemmi EURES.

*Artikolu 2*

**Għanijiet**

Għall-ġid ta' dawk li qed ifittxu xogħol, il-ħaddiema u l-impjegaturi, il-EURES f'koperazzjoni kif xierqa ma' servizzi jew netwerks Ewropej oħrajn għandu jippromwovi:

(a) l-iżvilupp tas-suq tax-xogħol Ewropew miftuħ u aċċessibbli għal kulħadd, filwaqt li jirrispetta l-istandards tax-xogħol u r-rekwiżiti legali applikabbli;

(b) l-approvazzjoni u kollokament fuq livell transnazzjonali, interreġjonali u transkonfinali permezz tal-iskambju ta' postijiet tax-xogħol battala u applikazzjonijiet għall-impjieg, u l-parteċipazzjoni f'attivitajiet immirati ta' mobbiltà fuq livell ta' UE;

(c) it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni dwar is-swieq Ewropej tax-xogħol, inkluż dwar il-kundizzjonijiet tal-għajxien u tax-xogħol u dwar l-opportunitajiet għall-kisba tal-ħiliet;

(d) l-iżvilupp ta' miżuri li jħeġġu u jħeffu l-mobbiltà tal-ħaddiema żgħażagħ;

(e) l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-esperjenzi ta' taħriġ u l-apprentistati skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 u, kif xieraq, il-kollokament ta' dawk li jitħarrġu u tal-apprentisti;

(f) l-iżvilupp ta' metodoloġiji u indikaturi għal dan il-għan.

*Artikolu 3*

**Kompożizzjoni**

Il-EURES għandu jinkludi dawn il-kategoriji li ġejjin:

(a) l-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni biex Jikkoordina l-Approvazzjoni ta' Postijiet tax-Xogħol Battala u Applikazzjonijiet għall-Impjiegi, skont l-Artikoli 18, 19 u 20 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011;

(b) il-Membri tal-EURES, li għandhom ikunu s-servizzi speċifiċi ta' speċjalisti maħtura mill-Istati Membri skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011, ("l-Uffiċċji Nazzjonali għall-Koordinazzjoni") kif stabbilit fl-Artikolu 5;

(c) l-Imsieħba tal-EURES, skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011. L-Imsieħba tal-EURES jinħatru mill-Membru rispettiv tal-EURES u jistgħu jinkludu fornituri pubbliċi jew privati tas-servizz attivi fil-qasam rilevanti tal-kollokament u l-impjiegi, u trejdunjins u organizzazzjonijiet tal-impjegaturi. Biex jikkwalifika, Imsieħeb tal-EURES irid jimpenja ruħu li jissodisfa r-rwoli u r-responsabbiltajiet stabbiliti fl-Artikolu 7;

(d) l-Imsieħba Assoċjati tal-EURES, li f'konformità mal-Artikolu 6 jagħtu servizzi limitati taħt is-sorveljanza u r-responsabbiltà ta' Msieħeb tal-EURES jew tal-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni.

*Artikolu 4*

**Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli mit-tmexxija tal-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni.

2. L-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni għandu jissorvelja l-konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 u għandu jassisti n-netwerk biex iwettaq l-attivitajiet tiegħu.

3. Dan għandu, b'mod parikolari, jieħu ħsieb:

(a) ifassal approċċ ġenerali koerenti u jagħti appoġġ orizzontali għall-ġid tan-netwerk EURES u l-utenti tiegħu bħal:

(1) it-tħaddim u l-iżvilupp ta' portal web Ewropew għall-mobbiltà tal-impjiegi, ("il-portal tal-EURES"), u servizzi relatati tal-IT, inklużi s-sistemi u l-proċeduri għall-iskambju ta' postijiet tax-xogħol battala, applikazzjonijiet għall-impjieg fl-għamla ta' ittri tal-applikazzjoni, CVs, passaporti tal-ħiliet u simili, u informazzjoni oħra, f'koperazzjoni ma' servizzi jew networks Ewropej oħrajn;

(2) attivitajiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni dwar l-EURES;

(3) taħriġ lill-persunal involut fil-EURES;

(4) it-tħaffif tan-netwerking, l-iskambju tal-aħjar prattika u tagħlim reċiproku fost il-Membri u l-Imsieħba tal-EURES;

(5) il-parteċipazzjoni tal-EURES f'attivitajiet immirati ta' mobbiltà fuq livell ta' UE.

(b) jagħmel analiżi tal-mobbiltà ġeografika u okkupazzjonali, fid-dawl tal-kisba ta' bilanċ bejn il-provvista u d-domanda, u l-iżvilupp ta' approċċ ġenerali għall-mobbiltà skont l-Istrateġija Ewropea dwar ix-Xogħol;

(c) jissorvelja u jevalwa b'mod ġenerali l-attività tal-EURES, id-definizzjoni tal-prestazzjoni, il-kollokament u indikaturi oħra tar-riżultat kif ukoll azzjonijiet biex jivverifika li titwettaq skont ir-Regolament (UE) Nru 492/2011 u din id-Deċiżjoni.

4. Dan għandu jadotta programmi tiegħu ta' ħidma u l-għanijiet tiegħu għan-netwerk EURES f'koperazzjoni mal-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-EURES u wara konsultazzjoni mal-Bord tal-Ġestjoni tal-EURES.

*Artikolu 5*

**Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Uffiċċji Nazzjonali għall-Koordinazzjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jinnomina servizz speċjalista kif previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 li għandu jkun fdat jorganizza l-ħidma tan-netwerk EURES fl-Istat Membru rispettiv.

2. L-Uffiċċju Nazzjonali għall-Koordinazzjoni għandu jiżgura li l-obbligi kollha tal-Istat Membru stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 492/2011, b'mod partikolari dawk li għandhom x'jaqsmu mal-iskambju ta' informazzjoni kif stabbilit fl-Artikoli 12, 13 u 14, ikunu ssodisfati, billi

(a) jsiru l-istabbiliment u l-manutenzjoni tas-sistema u l-infrastruttura teknika u funzjonali kollha meħtieġa biex l-Imsieħba tal-EURES u l-Imsieħba Assooċjati tal-EURES ikunu jistgħu jieħdu sehem fis-sistema ta' skambju;

(b) tingħata l-informazzjoni meħtieġa, minnu stess jew mill-Imsieħba tal-EURES taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

3. Dan għandu f'koperazzjoni mill-qrib mal-Uffiċċju Ewropew tal-Koordinazzjoni u mal-Uffiċċji l-oħra għall-Koordinazzjoni Nazzjonali, b'mod partikolari, jieħu ħsieb:

(a) il-ħatra ta' Msieħeb tal-EURES jew aktar, skont is-sistema għall-għażla u l-akkreditament stabbilita fl-Artikolu 10(2)(b)(vii), u s-superviżjoni tal-attivitajiet tagħhom;

(b) l-ippjanar u rappurtar regolari dwar l-attivitajiet u r-riżultati tan-network EURES nazzjonali lill-Uffiċċju Ewropew tal-Koordinazzjoni;

(c) il-koordinazzjoni tal-parteċipazzjoni tal-EURES f'attivitajiet immirati ta' mobbiltà rilevanti fuq livell ta' UE.

4. Meta jkun se jaħtar l-Imsieħba tal-EURES, l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Koordinazzjoni għandu jagħmel ħiltu biex isir l-aħjar ilħuq ġeografiku possibbli u l-aħjar kopertura tas-suq tax-xogħol, u biex jingħata l-aħjar servizz lil dawk li qed ifittxu xogħol, lill-ħaddiema u lill-impjegaturi billi tkun żgurata parteċipazzjoni adegwata tas-servizzi rilevanti tal-impjiegi u l-atturi tas-suq tax-xogħol.

5. Abbażi tal-għanijiet operattivi maqbula b'mod komuni, l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Koordinazzjoni għandu jfassal programmi ta' ħidma għan-netwerk nazzjonali tiegħu li jrid jitressaq quddiem l-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni. Il-programm ta' ħidma għandu jispeċifika b'mod partikolari:

(a) l-attivitajiet ewlenin li jrid jidħol għalihom l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Koordinazzjoni, l-Imsieħba tal-EURES u l-Imsieħba Assoċjati tal-EURES taħt ir-responsabbiltà tiegħu

fil-qafas tan-network EURES, inklużi l-attivitajiet transnazzjonali, transkonfinali u settorjali stabbiliti fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011;

(b) ir-riżorsi umani u finanzjarji allokati għall-implimentazzjoni tal-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 492/2011;

(c) l-arranġamenti għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet ippjanati.

Il-programmi ta' ħidma għandhom jinkludu wkoll valutazzjoni tal-attivitajiet u r-riżultati miksuba matul il-perjodu ta' qabel.

L-Imsieħba soċjali u partijiet interessati tal-EURES rilevanti oħrajn għandhom jiġu kkonsultati dwar il-programmi ta' ħidma fil-livell xieraq.

6. L-Uffiċċju Nazzjonali għall-Koordinazzjoni jista' jagħżel li jagħti s-servizzi tal-EURES huwa stess direttament lil dawk li qed ifittxu xogħol u lill-impjegaturi u għandu f'dan ir-rigward, ikunu soġġetti għar-regoli li japplikaw għall-Imsieħba tal-EURES li jagħtu l-istess servizzi. F'każ bħal dan, l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Koordinazzjoni għandu jitlob l-akkreditament bħala Msieħeb tal-EURES mingħand l-Uffiċċju Ewropew għall-Koordinazzjoni.

7. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Koordinazzjoni jirċievi l-persunal u riżorsi oħra meħtieġa biex iwettaq ħidmietu.

8. L-Uffiċċju Nazzjonali għall-Koordinazzjoni huwa mmexxi mill-Koordinatur Nazzjonali tal-EURES kif previst fl-Artikolu 10(2)(b)(iii).

*Artikolu 6*

**Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Imsieħba tal-EURES**

1. Organizzazzjoni li tixtieq issir Imsieħeb tal-EURES għandha tapplika mal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Koordinazzjoni tagħha, li jista' jaħtarha skont l-Artikolu 3(b), bil-kundizzjoni li, taħt is-superviżjoni tal-Uffiċċju Nazzjonali għall-Koordinazzjoni, din tieħu ħsieb tikkopera fuq livelli reġjonali, nazzjonali u Ewropej fi ħdan in-netwerk EURES u tagħti mill-anqas is-servizzi universali kollha kif imsemmi fl-Artikolu 7.

2. Imsieħeb tal-EURES għandu, waħdu jew f'koperazzjoni ma' Msieħba oħra tal-EURES jaħtar punt ta' kuntatt wieħed jew aktar, bħal uffiċċji tal-kollokament u r-reklutaġġ, ċentri telefoniċi, għodod self-service, u simili, fejn dawk li qed ifittxu xogħol, il-ħaddiema u l-impjegaturi jistgħu jaċċessaw is-servizzi tiegħu.

3. Imsieħeb tal-EURES għandu jindika b'mod ċar liema huma s-servizzi tal-Katalgu tas-Servizzi tal-EURES li dan joffri. Il-livell u l-kontenut tas-servizzi jistgħu jvarjaw minn punt ta' kuntatt għal ieħor sakemm il-pakkett ta' servizzi kollu kemm hu ta' Msieħeb tal-EURES jinkludi kull servizz universali meħtieġ.

4. L-Imsieħba kollha tal-EURES għandhom jintrabtu li jieħdu sehem bis-sħiħ fl-iskambju ta' postijiet tax-xogħol battala kif ukoll applikazzjonijiet għall-impjieg minn dawk li qed ifittxu xogħol u li huma interessati jaħdmu fi Stat Membru ieħor, skont l-Artikolu 13(a) u (b) tar-Regolament (UE) Nru 492/2011 u l-Artikolu 4(a)(i) ta' din id-Deċiżjoni. Dan għandhom jiżguraw li l-persunal parteċipanti kollu fl-għoti ta' servizzi tal-EURES ikollu aċċess sħiħ għall-IT u għodod oħra tal-komunikazzjoni mogħtija għan-netwerk.

5. Imsieħeb tal-EURES li ma jagħtix servizz komplementari partikolari inkluż fil-Katalgu tas-Servizzi tal-EURES għandu jiżgura li t-talbiet għal dak is-servizz jiġu riferiti lil Imsieħba oħra tal-EURES li joffru dak is-servizz.

6. Imsieħeb tal-EURES jista' jħalli l-għoti ta' servizzi li qed iżidu l-valur tas-servizzi tiegħu stess f'idejn organizzazzjoni oħra. Dik l-organizzazzjoni għandha titqies f'dan ir-rigward bħala Imsieħeb Assoċjat tal-EURES li qed jaħdem taħt ir-responsabbiltà sħiħa tal-Imsieħeb tal-EURES li hija assoċjata miegħu.

7. Sabiex jaqdi r-rwol tiegħu, Imsieħeb tal-EURES jista' jibni relazzjonijiet ma' Msieħeb tal-EURES wieħed jew aktar fi Stati Membri oħra.

8. Imsieħeb tal-EURES jew Imsieħeb Assoċjat tal-EURES jista' jintalab jagħti sehmu fl-infrastruttura teknika u funzjonali u fissistemi msemmijin fl-Artikolu 5(2)(a).

9. Sabiex iżomm l-akkreditament tiegħu, Imsieħeb tal-EURES għandu jibqa' jissodisfa l-obbligi tiegħu u jagħti s-servizzi miftehma, u jgħaddi minn reviżjonijiet regolari kif inhuwa stabbilit fis-sistema għall-għażla u l-akkreditament stipulata fl-Artikolu 10(2)(b)(vii).

*Artikolu 7*

**Is-Servizzi tal-EURES**

1. Il-firxa sħiħa ta' servizzi tal-EURES għandha tinkludi r-reklutaġġ, it-tqabbil tal-impjiegi u l-kollokazzjoni, li jkopru l-fażijiet kollha tal-kollokament mit-tħejjija ta' qabel ir-reklutaġġ sal-għajnuna wara l-kollokament, u informazzjoni u pariri relatati.

2. Dawn għandhom jingħataw f'aktar dettall fil-Katalgu tas-Servizzi tal-EURES li għandu jkunu parti mill-Karta tal-EURES kif inhu stabbilit fl-Artikolu 10 u għandu jkun fih is-servizzi universali li jagħtu l-Imsieħba kollha tal-EURES u servizzi komplementari.

3. Is-servizzi universali huma dawk stabbiliti fil-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 492/2011, b'mod partikolari l-Artikoli 12(3) u 13. Is-servizzi komplementari mhumiex obbligatorji skont it-tifsira tal-Kapitolu II tar-Regolament (UE) Nru 492/2011, iżda jaqdu ħtiġijiet importanti tas-suq tax-xogħol.

4. Is-servizzi kollha għal dawk li qed ifittxu xogħol u għall-ħaddiema għandhom ikunu bla ħlas. Jekk l-Imsieħba tal-EURES jitolbu xi miżati għas-servizzi lil utenti oħra, ma għandhiex issir differenza bejn il-miżati ċċarġjati għas-servizzi tal-EURES u dawk applikabbli għal servizzi komparabbli oħra mogħtija minn dak l-Imsieħeb tal-EURES. Kull finanzjament mill-Unjoni Ewropea li jappoġġa l-għoti ta' servizzi tal-EURES għandu jitqies waqt li jkun qed jiġu ffissati l-miżati sabiex jiġi evitat finanzjament doppju possibbli.

*Artikolu 8*

**Il-Bord tal-Ġestjoni tal-EURES**

1. Il-Bord tal-Ġestjoni tal-EURES għandu jassisti lill-Kummissjoni, lill-Uffiċċju Ewropew tiegħu tal-Koordinazzjoni u lill-Uffiċċji Nazzjonali għall-Koordinazzjoni fil-promozzjoni u s-sorveljanza tal-iżvilupp tal-EURES.

2. Il-Bord tal-Ġestjoni għandu jkun magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru.

3. Fejn meħtieġ, jekk l-attivitajiet tal-EURES fi Stat Membru huma ffinanzjati minn strument finanzjarju tal-UE bħall-Fond Soċjali Ewropew, l-awtorità nazzjonali li tipprovdi dan il-finanzjament tista tkun assoċjata.

4. Rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet Ewropej tal-imsieħba soċjali għandhom ikunu mistiedna biex jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Bord tal-Ġestjoni bħala osservaturi.

5. Il-Grupp tal-Ġestjoni għandu jistabbilixxi l-metodi tiegħu ta' ħidma u r-regoli ta' proċedura. Bħala regola ġenerali, dan għandu jiltaqa' darbtejn fis-sena mill-president. Dan għandu jagħti l-opinjonijiet tiegħu b'maġġoranza sempliċi.

6. Il-Bord tal-Ġestjoni għandu jkun presedut minn rappreżentant tal-Uffiċċju Ewropew tal-Koordinazzjoni, li għandu jagħti appoġġ segretarjali.

7. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-Bord tal-Ġestjoni tal-EURES dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-ippjanar strateġiku, l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tas-servizzi u l-attivitajiet imsemmija f'din id-Deċiżjoni, inkluż:

(a) il-Karta tal-EURES, skont l-Artikolu 10;

(b) l-istrateġiji, l-għanijiet operattivi u l-programmi ta' ħidma għan-netwerk EURES;

(c) ir-rapporti tal-Kummissjoni mitluba bl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011.

*Artikolu 9*

**Il-Grupp tal-Koordinazzjoni tal-EURES**

1. Sabiex jassistih fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-attivitajiet tal-EURES, l-Uffiċċju Ewropew tal-Koordinazzjoni għandu jistitwixxi Grupp tal-Koordinazzjoni kompost mill-Koordinaturi Nazzjonali tal-EURES, u kull wieħed jirrappreżenta membru tal-EURES. L-Uffiċċju Ewropew tal-Koordinazzjoni jista' jistieden lir-rappreżentanti tal-imsieħba soċjali Ewropej u, fejn xieraq, lil rappreżentanti ta' Msieħba oħra tal-EURES u esperti, biex jattendu għal-laqgħat tal-Grupp tal-Koordinazzjoni.

2. Il-Grupp tal-Koordinazzjoni għandu jieħdu sehem b'mod attiv fit-tħejjija tal-programmi ta' ħidma u l-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom.

3. Il-Grupp tal-Koordinazzjoni jista' jwaqqaf gruppi ta' ħidma permanenti jew ad hoc, b'mod partikolari għall-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' appoġġ orizzontali.

4. L-Uffiċċju Ewropew tal-Koordinazzjoni għandu jorganizza l-ħidma tal-Grupp tal-Koordinazzjoni.

*Artikolu 10*

**Il-Karta tal-EURES**

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-Karta tal-EURES skont il-proċeduri preskritti fl-Artikolu 12(2), l-Artikolu 13(2), l-Artikolu 19(1), u l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011, wara konsultazzjoni mal-Grupp tal-Ġestjoni tal-EURES stabbilit bl-Artikolu 8 ta' din id-Deċiżjoni.

2. Abbażi tal-prinċipju li l-postijiet tax-xogħol battala u l-applikazzjonijiet għall-impjieg li jsiru pubbliċi minn xi Membri tal-EURES għandhom ikunu aċċessibbli fl-Unjoni kollha, il-Karta tal-EURES għandha b'mod partikolari tistabbilixxi:

(a) il-Katalgu tas-Servizzi tal-EURES li jiddeskrivi s-servizzi universali u komplementari li jridu jingħataw mill-Membri u l-Imsieħba tal-EURES, inklużi s-servizzi ta' tqabbil tal-impjiegi, bħall-għoti personalizzat ta' konsulenza u pariri lill-klijenti, sew jekk ikunu persuni jfittxu xogħol, ħaddiema jew impjegaturi;

(b) l-iżvilupp ta' koperazzjoni transnazzjonali u transkonfinali innovattiva bejn is-servizzi tax-xogħol bħal aġenziji tal-kollokament komuni, bil-ħsieb li jittejjeb il-funzjonament tas-swieq tax-xogħol, l-integrazzjoni tagħhom u mobbiltà aħjar. Il-koperazzjoni tista' tinkludi s-servizzi soċjali, l-imsieħba soċjali u istituzzjonijiet oħrajn konċernati;

(c) il-promozzjoni ta' monitoraġġ u valutazzjoni kkoordinati tal-ħiliet li hemm nuqqas jew iżżejjed minnhom.

(d) l-għanijiet operattivi tan-netwerk EURES, l-istandards tal-kwalità li jridu jiġu applikati kif ukoll l-obbligi tal-Membri u l-Imsieħba tal-EURES, li jinkludu:

(i) l-interoperabbiltà ta' bażijiet tad-dejta rilevanti tal-postijiet tax-xogħol battala u l-applikazzjonijiet għall-impjieg, bil-mekkaniżmu tal-EURES għall-iskambju ta' postijiet tax-xogħol battala u l-livelli ta' servizz li japplikaw;

(ii) it-tip ta' informazzjoni, bħal informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol, informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, informazzjoni dwar offerti u talbiet għax-xogħol, informazzjoni dwar esperjenzi ta' taħriġ u apprentistati, miżuri biex jheġġu l-mobbiltà taż-żgħażagħ, il-kisba tal-ħiliet, u ostakli għall-mobbiltà, li jridu jagħtu lill-klijenti tagħhom u lill-bqija tan-netwerk, f'koperazzjoni ma' servizzi jew networks Ewropej oħra rilevanti;

(iii) id-deskrizzjonijiet tal-ħidma u l-kriterji biex jinħatru l-koordinaturi nazzjonali, il-konsulenti tal-EURES u l-persunal ewlieni ieħor fuq livell nazzjonali;

(iv) it-taħriġ u l-kwalifiki meħtieġa għall-persunal tal-EURES u l-kundizzjonijiet u l-proċeduri għall-organizzazzjoni ta' żjarat u assenjamenti għall-uffiċjali u l-persunal speċjalizzat;

(v) it-tfassil, is-sottomissjoni lill-Uffiċċju Ewropew tal-Koordinazzjoni u l-eżekuzzjoni tal-programmi ta' ħidma;

(vi) il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-użu tal-logo tal-EURES mill-Membri u l-Imsieħba tal-EURES;

(vii) is-sistema għall-għażla u l-akkreditament tal-Imsieħba tal-EURES;

(viii) il-prinċipji għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-attivitajiet tal-EURES.

(e) il-proċeduri biex jinħolqu sistema uniformi u mudelli komuni għall-iskambju ta' informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol u relatata mal-mobbiltà, fi ħdan in-netwerk EURES, kif inhu stabbilit fl-Artikoli 12, 13 u 14 tar-Regolament (UE) Nru 492/2011, inkluża informazzjoni dwar l-impjieg u l-opportunitajiet tat-tagħlim fl-Unjoni Ewropea, li għandha tiddaħħal fil-Portal tal-EURES.

*Artikolu 11*

**Promozzjoni tal-EURES**

1. Il-Membri u l-Imsieħba tal-EURES għandhom attivament jippromwovu l-EURES.

2. Dawn għandhom jinvolvu ruħhom fi strateġija ġenerali ta' komunikazzjoni mfassla biex tiżgura l-konsistenza u l-koeżjoni tan-netwerk fejn għandhom x'jaqsmu l-utenti tagħha u għandhom jieħdu sehem f'attivitajiet komuni ta' informazzjoni u promozzjoni.

3. L-akronimu EURES għandu jintuża biss għal attivitajiet fi ħdan il-EURES. Dan għandu jintwera b'logo standard, definit bi skema ta' disinn grafiku, adottat mill-Uffiċċju Ewropew tal-Koordinazzjoni.

4. Il-logo, reġistrat bħala Trade Mark Komunitarja fl-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), għandu jintuża mill-Membri u l-Imsieħba tal-EURES fl-attivitajiet kollha tagħhom relatati mal-EURES sabiex jiżguraw identità viżwali komuni.

*Artikolu 12*

**Koperazzjoni ma' servizzi u netwerks oħra**

Il-Membri u l-Imsieħba tal-EURES għandhom jikkollaboraw b'mod attiv ma' servizzi u netwerks oħra Ewropej ta' informazzjoni u konsultattivi fuq livelli Ewropew, nazzjonali u reġjonali sabiex jinkisbu sinerġiji u jkun evitat xogħol doppju.

*Artikolu 13*

**Revoka**

Id-Deċiżjoni 2003/8/KE hija b'dan revokata. Madanakollu, din għandha tibqa' tapplika għal operazzjonijiet li fir-rigward tagħhom tressqet applikazzjoni qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 14*

**Id-data tal-applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

*Artikolu 15*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Novembru 2012.

*Għall-Kummissjoni*
László ANDOR
*Membru tal-Kummissjoni*

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT